# Ħsibijiet għaż-żmien l-Avvent u l-Milied  2017



Parroċċa Santa Marija, il-Mosta

NOTA: Dawn il-ħsibijiet għandhom jinqraw mill-lettur li jkun se jaqra fil-Quddiesa, jew xi ħadd li jsib hu. F'każ tal-quddies fil-weekend, il-lettur li se jaqra t-tieni lezzjoni għandu jieħu ħsieb. Dawn il-ħsibijiet se jinqraw qabel il-kant tad-dħul.

Tema: ***Ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu*** *(Lq 1, 68)*

Introduzzjoni

- Ġesu' ġie jżur l-umanita' li kienet tilfet kull viżjoni, kull skop u kull direzzjoni.
- Ġesu' ġie jżur poplu li kien aljenat, mehdi f'ħafna affarijiet sekondarji; poplu li kien għajjien, li tilef kull tama; poplu li kien sar pessimista u qalbu maqtugħa.
- Ġesu' ġie jżur umanita' li kienet maħkuma mill-mibgħeda, mill-ġlied u mill-kburija; umanita' ta' nies li kienu jaħsbu biss għal rashom.
- Ġesu' daħal fid-dar tal-bnedmin; daħal fejn kienu qed jgħixu huma; daħal fl-istil ta' ħajja li kienu adottaw; daħal jaqsam magħhom il-ħin u l-ispazju.

**U dan kollu biex jifdihom:**

- Biex jagħtihom viżjoni ġdida, skop għall-ħajja u direzzjoni li twassal għall-ħajja li ma tintemm qatt.
- Biex jagħtihom nifs ġdid, jimliehom bil-ħeġġa u l-entużjażmu għall-ħajja vera.
- Biex jiżra' mill-ġdid iż-żerriegħa tal-Imħabba li twassal għall-għotja tas-servizz.

Il-Ħadd 3 ta' Diċembru 2017 *Profeta kbir qam fostna*

Ġie jżur biex **jgħallem**.
San Ġorġ Preca kien jgħid: 'It-tagħlim tajjeb hu l-għajn ta' kull ġid', u hekk hu. Il-bniedem li ma jafx lil Alla ma jistax iħobb lil Alla. Għalhekk Ġesu' ġie jżur lill-umanita' biex lin-nies jgħallimhom mill-ġdid minn hu Alla, għax kienu nsew lil dak li ħalaqhom. Riedhom jagħrfu lil Alla biex iħobbuh u b'hekk jaslu li jservuh u jaqduh billi jagħmlu r-rieda tiegħu.
Matul din l-ġimgħa sa nimmeditaw it-tagħlim ta' Ġesu' fiż-żjara tiegħu fostna

| | |
|---|---|
| *Aqra:* *Mk 13, 33-37* | Fil-bidu tal-Avvent għandna quddiemna kelma importanti ħafna. Ġesu' jgħidilna **ishru** (Mk 12, 37).<br>Din il-kelma qed taslilna mingħand il-Profeta l-kbir; hi Kelma li tasal għandna bħal żverjalin li jqajjimna filgħodu biex inħallu warajna d-dlam tal-lejl u ngħixu f'jum ġdid. Hi Kelma li tistedinna nitilqu dak li hu mewt biex ngħixu lejn il-ħajja ġdida.<br>In-nies li kienu ħierġa mill-belt ta' Najm, iġorru l-ġisem mejjet ta' żgħażugħ, iltaqgħu ma' Ġesu' u għarfu li: "*Profeta kbir qam fostna*" u li *Alla żar il-poplu tiegħu*". (Lq 7, 17)<br>Dan il-Profeta kbir qed iħares mill-ġdid lejn l-istat tad-dinja tal-lum u qed itenni l-kelma **Ishru**; qiegħed jistedinna nħallu warajna d-dell tal-mewt, il-biża' tad-dlam u l-lejl; inqumu u ngħixu bħaż-żgħażugħ ta' Nħajm.<br>Illum ieqaf ftit u ara fejn tinsab int: jekk hux fid-dawl jew fid-dlam! |

| | |
|---|---|
| **Tnejn 4 ta' Diċembru**<br><br>*Jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Mt 8, 5-11* | Anke min ma jemminx seta' jinduna li Ġesu' kellu setgħa qawwija fi kliemu. Għaċ-ċenturjun kelma waħda kienet biżżejjed biex il-qaddej tiegħu ifiq. Ħafna skantaw bit-tagħlim tiegħu għax '*kien jgħallimhom bħal wieħed li* ***għandu s-setgħa.***' (Mt 7, 29). Kif jista' jkun li bniedem jgħid u jagħmel għeġubijiet bħal dawk!<br><br>Il-*warrant* biex jgħallem u jsalva ġie mogħti lilu minn Alla nnifsu. Ġesu' jżur biex isalva u jifdi mhux biss lill-ħbieb tiegħu imma wkoll lil barranin. Salva liċ-ċenturjun minn telf ta' qaddej, salva lill-qaddej mill-mewt u salva lill-poplu kollu min-nuqqas ta' fidi.<br><br>Illum aqra silta mill-Iskrittura u emmen dak li jkun qed jgħidlek il-Mulej. |

| | |
|---|---|
| **Tlieta 5 ta' Diċembru**<br><br>*Ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Lq 10, 21-24* | Ġesu' ġie biex jgħallem min hu l-Missier. Min jippretendi li diġa' jaf kollox (għax iqis lilu nnifsu ta' għaref) ma jitgħallem qatt il-verita' fuq Alla, għax ma jkunx lest li jisma'. Ġesu' faħħar lill-Missier li hu s-Sid tas-sema u l-art, '*għax il-ħwejjeġ qaddisa ħbiehom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom* ***liċ-ċkejknin'***.<br>Hu sejjaħ henjin lil dawk li jaraw l-għeġubijiet ta' Alla u jisimgħu leħen il-Mulej.<br>Insibu l-hena jekk fost l-istorbju tad-dinja nkunu kapaċi nisktu u nisimgħu bil-widnejn ta' qalbna, kif jgħid San Benedittu; nkunu kapaċi nisimgħu l-vuċi ta' Alla li qiegħda fina.<br>Illum iskot ftit u pprova isima' l-vuċi ta' Alla li hemm fik. Isimgħu ikellmek f'dak li tkun għaddej minnu. |

| | |
|---|---|
| **Erbgħa 6 ta' Diċembru**<br><br>*Tħassarhom, u tahom jieklu* | Mhux l-ewwel darba li Ġesu tħassar lin-nies għax ra f'liema qagħda kienu jinsabu. Tħassar l-umanita' li kienet tinsab sajma minn Alla. Hu '*ra kotra kbira ta' nies u* ***tħassarhom****, għax kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad jgħallimhom ħafna ħwejjeġ. (Mk 6, 34).*<br>Is-sens qawwi ta' kompassjoni jidher kull meta n-nies kienu jersqu lejh biex imisshom u jfejjaqhom, imma l-kompassjoni ta' Ġesu' tidher ukoll meta rahom bil-ġuħ. Il- |

| | |
|---|---|
| *Aqra:*<br><br>*Mt 15, 29-37* | ġuħ juri n-nuqqas ta' dak li hu neċessarju – l-ikel. Ġesu' mantna lill-ġemgħa bl-ikel materjali kif ukoll bl-ikel spiritwali – bit-tagħlim tiegħu. Hu għallem u mantna lill-bnedmin kollha li kienu sajmin minn Alla. Ġesu' ried li l-knisja li ħalla warajh tkompli l-ħidma tiegħu, għalhekk l-knisja għandha dmir li tkompli titma' bit-tagħlim lill-poplu ta' Alla.<br>Illum infittex li naqra artiklu qasir ta' tagħlim nisrani. |

| | |
|---|---|
| **Ħamis 7 ta' Diċembru**<br><br>*Jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, ... min jagħmel ir-rieda ta' Missieri*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Mt 7, 24-27* | Ġesu' jgħallimna nagħmlu r-rieda tal-Missier bl-istess ħajja tiegħu. Mhux id-diskors, imma l-ħajja li ngħixu, li ddaħalna fir-realta' ta' Alla u tagħmilna parti mis-saltna tiegħu. Fil-parrabbola tad-dar mibnija fuq il-blat naraw il-bżonn ta' relazzjoni awtentika ma' Alla. Mhux kif nidhru minn barra li jgħodd, imma li nkunu tassew dixxipli ta' Ġesu' u nagħmlu r-rieda tal-Missier.<br>Ġesu' kien spiss **jgħallem bil-parrabboli**, l-aktar meta kien jitkellem fuq is-Saltna ta' Alla. Darba resqu lejh id-dixxipli u staqsewh '*Għaliex tkellimhom bil-parabboli?" Hu weġibhom: "Għax lilkom ingħata li tagħrfu l-misteri tas-Saltna tas-Smewwiet; iżda lilhom dan ma kienx mogħti. (Mt 13, 10-11)*<br>Illum naqra parabbola u nara x'tista' tfisser għalija biex ngħix ħajja nisranija aktar awtentika. |

| | |
|---|---|
| **Ġimgħa 8 ta' Diċembru**<br><br>*Ħobb lill-Mulej… u ħobb lil għajrek bħalek innifsek*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Lk 1, 26-38* | Fil-mixja tagħna tal-Avvent, niltaqgħu wkoll ma' Marija; dik li ma kellha ebda spażju għad-dnub f'ħajjitha. Marija li kienet strumentali biex isseħħ iż-żjara tal-feddej. L-'Immakulata' tfisser Marija li qatt ma waqfet tħobb.<br>Fit-tagħlim tiegħu Ġesu' **għallem il-liġi ta' Alla** li hi liġi ta' mħabba: "*Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu.' Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed. U it-tieni jixbhu: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.' Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti." (Mt 22, 37-40)*. Marija mhux biss kienet taf il-liġi ta' Alla imma ħarsitha f'kull mument ta' ħajjitha, għalhekk 'bla tebgħa tad-dnub'.<br>Illum nitlob lil Alla jħarisni mid-dnub u jekk hemm bżonn nersaq lejn il-qrar. |

| | |
|---|---|
| **Sibt 9 ta' Diċembru**<br><br>*Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu".*<br><br>*Aqra:*<br>*Mt 9,35 – 10, 1.6-8* | Fit-tagħlim tiegħu Ġesu' għallem ukoll lid-dixxipli kif jitolbu fuq talba ta' wieħed mid-dixxipli tiegħu stess: '*qallu: "Mulej,* ***għallimna nitolbu****, bħalma Ġwanni wkoll għallem lid-dixxipli tiegħu." (Lq 11, 12)*.<br>Fit-talba tal-Missierna, Ġesu' jgħallimna nidħlu f'relazzjoni mal-Missier aktar milli ngħidu xi ħaġa. Fit-talb nieqfu fil-preżenza ta' Alla, u nfaħħruh, nirringrazzjawh, nitolbuh ħniena u nuruh il-bżonnijiet tagħna. Fost l-oħrajn Ġesu' ħeġġiġna nitolbu lil Alla biex jibgħat aktar ħaddiema li jkollhom sehem fil-ħidma tas-saltna. Ġesu' ried li dak li beda hu jkompli jitwettaq mid-dixxipli tiegħu. Jekk il-missjoni ta' Ġesu' kienet li jgħallem, hekk wkoll d-dixxiplu għandu jgħallem; jekk il-missjoni ta' Ġesu' kienet li jfejjaq u jaħfer id-dnubiet, hekk wkoll id-dixxiplu għandu jfejjaq u jaħfer id-dnubiet. Jekk il-missjoni ta' Ġesu' kienet li jmexxi, hekk ukoll id-dixxiplu ta' Ġesu' hu għandu jiggwida fit-triq ta' Alla.<br>Illum ieqaf u itlob għal aktar ħaddiema fl-għalqa ta' Alla; itlob ukoll għas-seminaristi u n-novizzi u studenti reliġjużi li jinsabu fil-formazzoni. |

## *It-Tieni Ġimgħa*

Il-Ħadd 10 ta' Diċembru 2017 — *Ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet*

Ġie jżur biex **ifejjaq**.

Fiż-żjara tiegħu Ġesu', ried ukoll jeħles l-umanita' minn kull irbit li ħakmuha tul il-medda tas-snin. Fejjaq lill-bniedem marid, sew bil-mard tad-dnub kif ukoll mill-mard fiżiku li ma jħallix lill-bniedem jaqdi u jservi lil Alla. Matul din l-ġimgħa se niffukaw fuq l-għeġubijiet ta' Sidna Ġesu' biex naraw l-azzjoni ta' salvazzjoni li hu ħadem fostna. B'hekk nistgħu nagħrfuh aħjar bħala l-Messija tagħna wkoll.

| | |
|---|---|
| *Aqra:*<br><br>*Mk 1, 1-8* | Il-predikazzjoni twassal għall-konverżjoni. Ġwanni l-Battista ħejja t-triq billi xandar magħmudija ta' ndiema meta kien fid-deżert. Il-kelma li tasal f'kull post u f'kull ħin biex tqanqal il-qlub l-aktar iebsa ħalli jerġgħu għat-triq tal-ħajja. Dan hu tassew fejqan u ħelsien mid-dnub.<br>Ġesu' kien **jieħu kull okkażjoni biex ifejjaq u jagħmel l-ġid**. Kien lest li jmur ukoll kontra r-regola basta jeħles lil min hu mjassar. Darba qal lil dawk li kienu xlewh li qed jikser il-liġi: *"X'jiswa li tagħmel nhar ta' Sibt, ġid jew deni? Issalva ħajja jew toqtolha?" Iżda huma baqgħu siekta. U xeħet ħarsa qalila madwaru fuqhom, mnikket għall-aħħar minħabba l-ebusija ta' qalbhom, u qal lir-raġel: "Midd idek." Dak meddha, u idu reġgħet ġiet f'saħħitha. (Mk 3, 4-5).*<br>Illum ipprova għamel xi ħaġa ta' ġid lil xi ħadd li tiltaqa' miegħu. |

| | |
|---|---|
| **Tnejn 11 ta' Diċembru**<br><br>*Il-qawwa tal-Mulej kienet fih biex ifejjaq.* | Dgħajsa marbuta max-xatt, ma tista' qatt tasal fil-port tax-xatt l-ieħor; bl-istess mod, ħadd ma jista' jasal għand Alla jekk ikun marbut bl-irbit tad-dnub. Kien għalhekk li Ġesu' ġie biex **jaħfer id-dnubiet**.<br>Id-dnub iħalli lill-bniedem mifluġ u jwasslu sal-mewt.<br>Darba ħadulu quddiemu wieħed mifluġ u fejqu billi beda mill-maħfra ta' dnubietu. Ried juri li hu għandu s-setgħa jfejjaq u qal: *'mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art," qal lill-mifluġ, "Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek." (Mk 2, 9-11).* |

| | |
|---|---|
| *Aqra:*<br><br>*Lq 5, 17-26* | Ġesu’ jwassal għall-fejqan sħiħ; fejqan tar-ruħ u fejqan tal-ġisem, għax li tkun fil-paċi ma’ Alla tagħtik saħħa u enerġija biex tkompli tħobb.<br>Illum ipprova aħfer lil xi ħadd li weġġgħek u esperjenza fejqan tal-qalb fl-istess azzjoni ta’ maħfra. |

| | |
|---|---|
| **Tlieta 12 ta’ Diċembru**<br><br>*Missierkom li hu fis-smewwiet ma jridx li jintilef l-anqas wieħed.*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Mt 18, 12-14* | Bħal ragħaj li għandu mitt nagħġa, Ġesu’ jrid li l-komunita’ kollha tibqa’ miġbura b’saħħitha. Ma jrid lil ħadd jintilef. Hu ma jfejjaqx biss individwi imma jfejjaq ukoll l-komunita’ sħiħa. Jekk nagħġa waħda tkun intilfet, il-merħla kollha tkun affetwatha. U jekk nisrani jitlaq lill-komunita’ nisranija, **il-komunita’ kollha jkollha bżonn il-fejqan**. Ġesu’ ‘*fejjaq kull xorta ta' mard u dgħufija fost il-poplu’*. (Mt:4:23).<br>Il-fejqan komunitarju hu meħtieġ għax jeżisti wkoll il-mard komunitarju; il-mard jittieħed u l-influenza taffetwa lil kulħadd, bl-istess mod id-dnub ta’ wieħed jaf iħajjar id-dnub fl-oħrajn. Għaldaqstant għandna bżonn lit-tabib biex jikkura lill-familja kollha.<br>Illum ħares lejn d-dnub soċjali u itlob lill-Mulej għall-fejqan tal-komunita’ kollha li għaliha tappartjeni (grupp, parroċċa, djoċesi eċċ). |

| | |
|---|---|
| **Erbgħa 13 ta’ Diċembru**<br><br>*Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Mt 11, 28-30* | It-taħbit u l-għajja huma realta’ ta’ kull bniedem. F’dawn il-mumenti ġieli nsibu ruħna nitmewtu; nitilfu kull sens ta’ inizjattiva, nitilfu l-entużjażmu tal-ħajja; nistgħu ngħidu nitilfu ż-żgħożija tagħna u donnu tgħib għal kollox it-tama. F’dawn il-mumenti, il-Mulej Ġesu’ jersaq u jaqbadna minn idejna u jgħidilna bħalma qal lit-tfajla ta’ Ġajru*: "Talitha, qum!" jiġifieri: "Tfajla, **qiegħed ngħidlek, qum**!" (Mk 5, 42)* u bħalha minnufih inqumu u nimxu mill-ġdid.<br>Il-fejqan tal-Mulej mhux ġrajja ta’ darba imma hu proċess; beda’ minn vjaġġ li Ġesu’ għamel (mexa lejna kif mexa lejn id-dar ta’ Ġajru) u jkompli fi vjaġġ li aħna nagħmlu biex inkomplu nimxu miegħu (bħalma t-tfajla wkoll bdiet timxi).<br>Illum nagħtu każ dak li qed jgħajjina u jħabbatna u nersqu bih quddiem il-Mulej waqt li nitolbuh imissna u jerfagħna. |

| | |
|---|---|
| **Ħamis 14 ta' Diċembru**<br><br>*Sal-lum is-Saltna tas-Smewwiet il-bnedmin qegħdin jitħabtu bis-sħiħ għaliha*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Mt 11, 11-15* | Ġesu' tkellem bis-sħiħ fuq is-saltna ta' Alla. Jekk temmen f'din is-saltna tkun tixtieq li tissieħeb fiha. Il-fidi m'hijiex sempliċiment stqarrija ta' Kredu imma hi stil ta' ħajja li minn issa ddaħħlek fil-ħajja tas-saltna ta' Alla. Din is-saltna hi saltna ta' ġustizzja u sliem; hi saltna ta' mħabba. Min jemmen, minn issa jibda jgħix fil-ġustizzja u s-sliem, jgħix fl-imħabba.<br>Ġesu' barra li pprietka s-Saltna ta' Alla, fejjaq ukoll minn spirti ħżiena lil dawk li kienu maħkuma minnhom. Missier it-tifel li kien maħkum minn spirtu ħażin *beda jgħajjat u jgħid lil Ġesu': "Jiena **nemmen**! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!" Ġesù, meta ra l-kotra tiżdied, hedded bl-aħrax lill-ispirtu ħażin u qallu: "Ja spirtu mbikkem u trux, jiena nordnalek: oħroġ minnu, u la terġax tidħol fih, qatt iżjed!" (Mk 9, 23-25)*<br>Illum itlob ukoll lill-Mulej jeħilsek mill-ispirti mniġġsa tal-mibgħeda, tal-għira, tal-inġustizzja u tan-nuqqas ta' paċi. U itolbu jsaħħah fik il-fidi. |

| | |
|---|---|
| **Ġimgħa 15 ta' Diċembru**<br><br>*Ma' min se nxebbhu dan in-nisel?*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Mt 11, 16-19* | Veru diffiċli meta ma jkollok ebda rispons għal xi ħaġa li tkun qed tgħid jew tagħmel. L-indifferenza u l-apatija hi marda ta' min ma jimpurtah minn xejn. Ġesu' qabbel in-nies ta' żmienu ma' tfal li ma ferħux mal-għana ta' ferħ u ma tnikktux mad-daqq tan-niket.<br>Għal kuntrarju, meta wieħed jara lil Ġesu' u jagħrfu bħala l-Iben ta' Alla ma jistax jibqa indifferenti quddiemu, imma **jinxteħet għarkubbtejh quddiemu**. Hekk għamel l-agħma mit-twelid li Ġesu' fetaħlu għajnejh (Ġw 9, 37-38). Dan il-fejqan wassal biex l-agħma jsir dixxiplu tassew tal-Mulej, dixxiplu attiv u mhux dixxiplu tal-isem.<br>Illum tbiegħed mill-apatija u l-indifferenza billi tinżel tadura lill-Mulej Ġesu' għal ftit ħin kif ukoll tinżel għarkubbtejk quddiem xi ħadd fil-bżonn biex taqdih. |

| | |
|---|---|
| **Sibt 16 ta' Diċembru** | M'hemmx ingratitudni akbar minn meta wieħed l-anqas biss jintebah li jkun irċieva xi ħaġa. Alla bagħat il-profeti tiegħu, u l-poplu mhux dejjem intebah bihom. Elija diġa' ġie, imma ma ntebhux bih: hekk qal Ġesu' lid-dixxipli tiegħu meta kien qed jitkellem fuq il-miġja mill-ġdid ta' Elija. |

| | |
|---|---|
| *"Elija jiġi, iva, u jerġa' jqiegħed kollox f'postu.*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Mt 17, 10-13* | Ġesu' wera l-bżonn tal-gratitudni biex wieħed jintebah li jkun fieq, li jkun salva. Darba għaxart irġiel fiequ, imma wieħed biss reġa' lura jirringrazzja lil Alla. Ġesu' qal; *"Mhux l-għaxra fiequ mil-lebbra? Fejn huma d-disgħa l-oħra? Ma kien hemm ħadd minnhom li raġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani!"* Iżda ma waqfx hawn, dar lejn is-samaritan li reġa lura u qallu: *"Qum, mur; il-fidi tiegħek salvatek." (Lq 17, 17-19)* Il-fejqan tassew, is-salvazzjoni vera, il-ħajja ġdida li jagħti Ġesu' trid twassal għall-gratitudni.<br>Illum ngħid grazzi għal dak kollu li nirċievi. |

## *It-Tielet Ġimgħa*

**Il-Ħadd 17 ta' Diċembru 2017** *Wittu t-triq tal-Mulej*

Ġie jżur biex **jagħti direzzjoni** u jmexxi.

Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir, dawl kbir idda madwarhom (Iż 9, 1). Meta timxi fid-dlam ftit li xejn ikollok sens ta' direzzjoni. Ma tkunx tisa' tagħraf fejn qiegħed, titlef il-'land marks' (l-marki li żżomm f'moħħok biex tagħraf fejn qiegħed u fejn sejjer) u faċli tieħu direzzjoni żbaljata. Ġesu' ġie biex ireġġa' lejn it-triq tas-sewwa lil dawk li kienu tilfu kull sens ta' direzzjoni f'ħajjithom. Hu kompla jmexxina fit-triq li twassal għand il-Missier permezz tal-knisja.

| | |
|---|---|
| *Aqra:* *Ġw1, 6-8. 19-28* | Ġwanni l-Battista kien il-leħen jgħajjat fid-deżert biex in-nies ihejju ruħhom. L-għajta tiegħu kienet 'Wittu t-triq'. Ġesu', min-naħa l-oħra, kien il-'Kelma' inkarnata u mhux leħen; **Kelma li biha jiggwida** biex il-merħla timxi fit-Triq li twassal għall-Verita' u l-Ħajja. Ġesu' qal: *jien it-Triq, il-Verita' u l-Ħajja* (Ġw 14, 6-7).. Ġesu' jsejjaħ lin-*nagħaġ tiegħu waħda waħda b'isimhom u joħroġhom barra. U meta joħroġ in-nagħaġ tiegħu, huwa jmur quddiemhom u n-nagħaġ jimxu warajh, għax jisimgħu leħnu. Imma wara wieħed barrani ma jimxux, anzi jaħarbu minnu, għax leħen barrani ma jafuhx" (Ġw 10, 3-7)*<br>Illum ħares ftit lejn ħajtek u ara fejn hemm bżonn twitti biex tilqa' l-Kelma li tiggwidak fit-triq lejn il-Missier li jagħti l-ħajja. |

| | |
|---|---|
| **Tnejn 18 ta' Diċembru**<br><br>*Dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu.* | Ġesu' tnissel bil-ħidma tal-**Ispirtu s-Santu**; wettaq il-missjoni tiegħu għax imqanqal mill-Ispirtu s-Santu; u ta l-Ispirtu s-Santu lid-dixxipli tiegħu biex ikomplu l-missjoni tiegħu, dak inhar ta' Għid il-Ħamsin.<br>Darba Ġesu' qal: *"Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj." B'dan ried ifisser l-Ispirtu s-Santu li kellhom jircievu dawk li jemmnu fih. (Ġw 7, 39-39).* L-għotja tal-Ispirtu s-Santu hi frott il-qawmien mill-mewt tal-Mulej. Illum ukoll l-Ispirtu s-Santu għadu jmexxi lill-knisja tiegħu billi jnebbah, u |

| | |
|---|---|
| *Aqra:*<br><br>*Mt 1, 18-24* | jqanqal il-membri tagħha biex iwieġbu għar-rieda tal-Missier bl-istess mod li wieġeb għaliha Ġesu'. Il-qaddisin kollha wettqu l-missjoni tagħhom għax kienu mimlija bl-istess Spirtu; Marija, Ġużeppi, kif ukoll tant u tant persuni li taw xhieda ta' Alla b'ħajjithom stess.<br>Illum aqra l-ħajja ta' wieħed mill-qaddisin u nnota kif l-Ispirtu s-Santu jiggwida lill-bniedem lejn l-Missier. |

| | |
|---|---|
| **Tlieta 19 ta' Diċembru**<br><br>*Jreġġa' lil ħafna minn ulied Iżrael lejn il-Mulej Alla tagħhom*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Lq 1, 5-25* | Id-dnub hu frott in-nuqqas ta' ubbidjenza tal-bniedem għal Alla. Fis-suppervja tiegħu l-bniedem ried jagħmel ta' rasu; ħaseb li seta' jiddeċiedi u jmexxi waħdu. Din l-ebusija tal-qalb, wasslitu li jinqata' minn dak li ħalqu. Is-salvazzjoni li ġab Ġesu' wasslet lill-bniedem biex **jimxi lejn l-ubbidjenza tal-Ispirtu s-Santu**.<br>Biex wieħed jobdi għandu bżonn jisma' u jagħti każ biex jgħix skont il-gwida li jagħti Alla. Din l-ubbidjenza tirrifletti ruħha wkoll fost il-bnedmin.<br>Ġwanni l-Battista ġie jlesti poplu mhejji sewwa għall-Mulej, billi jreġġa' l-qlub tal-missirijiet lejn uliedhom, u lil dawk li ma jridux jobdu jreġġagħhom għall-għaqal tal-ġusti.<br>Illum irranġa xi ħaġa li ilek biex tirranġa; jekk tħoss li hemm bżonn tirranġa xi relazzjoni li xxelfet ma' xi ħadd hu l-okkażjoni biex tgħamel dan. |

| | |
|---|---|
| **Erbgħa 20 ta' Diċembru**<br><br>*Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Lq 1, 26 -38* | Marija ġiet imsejħa mbierka mill-anġlu Gabrijel; imbierka għax mimlija bil-grazzja u hi laqgħet din il-grazzja, ħalliet lill-Mulej dejjem magħha.<br>Din hi l-glorja tal-Missier, li wieħed jagħmel ħafna frott u jkun dixxiplu tal-Mulej. Ġesu' lid-dixxipli tiegħu qalilhom: '*Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. (Ġw 15, 8-10)* Din kienet l-esperjenza ta' Marija u din hi l-esperjenza ta' kull dixxiplu, li jimxi wara Ġesu'; Ġesu' jmexxina **lejn l-imħabba vera**.<br>Illum inħares lejn id-dixxipli l-oħra tal-Mulej u nitlob għalihom biex huma wkoll jimxu fit-triq tal-Imħabba. |

| | |
|---|---|
| **Ħamis 21 ta' Diċembru**<br><br>*Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej"*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Lq 1, 39-45* | Marija emmnet kull ma' bagħat jgħidilha l-Mulej permezz tal-Ispirtu s-Santu; hi laqgħet il-verita' ta' dak kollu li ġie rrevelat lilha.<br>Ġesu' qal: *Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni. (Ġw 16, 13)* L-Ispirtu s-Santu jfakkarna dak kollu li għallimna Ġesu' u jagħtina d-dawl biex nifhmuh u napplikawh għalina fiċ-ċirkustanzi li nkunu għaddejjin minnhom. B'hekk kull nisrani hu mistieden li jgħix f'dixxerniment kontinwu biex jara x'inhi r-rieda tal-Missier għalih u dan jagħmlu fil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li hu l-**Ispirtu tal-verita'**. Meta nkunu mimlija b'dan l-ispritu, ngħadduh lill-oħrajn kif Marija għaddietu lil Elizabetta.<br>Illum ftakar fid-doni tal-Ispritu s-Santu u itlob lill-Mulej biex jagħtik dawn id-doni. (id-doni huma: għerf, fehma, kunsill, qawwa, xjenza, pjeta' u biża ta' Alla). |

| | |
|---|---|
| **Ġimgħa 22 ta' Diċembru**<br><br>*Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ*<br><br>*Aqra:*<br><br>*Lq 1, 46-55* | Li timxi wara Ġesu' tinvolvi li terfa' s-salib; Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: *"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. (Mt 16, 24).* Ġesu' jmexxina **lejn il-kalvajru** għax mis-salib ħareġ qawmien ġdid, ħarġet ħajja ġdida. Marija għarfet din il-verita' meta fl-innu tal-manifikat qalet li Alla ħa ħsieb lil dawk li kienu ċkejknin, bil-ġuħ u minsija minn kulħadd. Alla ta ħajja ġdida lil dawk li fix-xejn tagħhom afdaw f'idejh; Alla għadda mill-mewt għall-ħajja lil dawk li kienu lesti jerfgħu salibhom u jitilgħu l-għolja tal-kalvarju miegħu. Miegħu nimxu, miegħu mmutu u miegħu insaltnu fil-glorja.<br>Dan li ġara fil-magħmudija meta ndfinna miegħu biex ngħixu miegħu għal dejjem.<br>Illum għamel xi sagrifiċċju żgħir u offrih għal min qed ibati biex qatt ma jaqtgħu qalhom taħt il-piż tas-salib. |

| | |
|---|---|
| **Sibt 23 ta' Diċembru**<br><br>*U tassew, id il-Mulej kienet miegħu*<br><br>*Aqra:*<br>*Lq 1, 57-66* | Ġesu' ġie jżur u jifdi l-Poplu tiegħu. Il-fidwa sħiħa tidher fil-**ħajja ta' dejjem**. Tassew li minn din id-dinja ġa nibdew induquha xi ftit, imma qatt ma' nistgħu ngħidu li aħna wasalna sakemm ma nħallux din d-dinja u nidħlu fis-sema pajjiżna. Qalilna Ġesù: *"Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. (Ġw 11, 25-26)*<br>Quddiem twelid ta' tarbija, ħadd ma jieqaf jaħseb fuq il-mewt, u forsi tidher stramba li quddeim it-twelid ta' Ġwanni u quddiem it-twelid ta' Ġesu', li wasalna biex niċċelebraw, niftakru fil-mewt. Imma, iva, l-mewt hi parti mill-ħajja u għal min jemmen jaf li aħna, sa mit-twelid tagħna, nkunu qed nimxu lejn il-ħajja li ma tintemm qatt.<br>Meta naħsbu fuq t-tmiem taż-żmien tagħna fuq l-art, ngħixu u nużaw aħjar l-istess żmien; nagħrfu li dak kollu li għandna hu mogħti lilna biex nużawh ħalli nilħqu l-għan tal-eżistenza tagħna, li hu li nagħrfu lil Alla, nħobbu lil Alla u naqdu lil Alla.<br>Illum ftakar fil-mewt u ara jekk intix imhejji tajjeb jekk illum ikollok tħalli din id-dinja u tidher quddiem Alla. |

## *Ir-Raba' Ġimgħa*

**Il-Ħadd 24 ta' Diċembru** *Ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu*

Ġie jżur biex **jibni u jqaddes** lill-poplu ta' Alla.

Aħna lkoll imsejħin biex insiru qaddisin. Alla hu l-qaddis, u la darba aħna maħluqa xbieha ta' Alla, aħna wkoll maħluqa biex insiru qaddisin. Id-dnub kien ċajpar din x-xbieha u Alla ried li jirrestawraha mill-ġdid din ix-xbieha billi bagħat lil Ibnu fostna. L-inkarnazzjoni hi l-azzjoni ta' Alla biex aħna nerġgħu nixbħu lil Alla u bħalu nsiru qaddisin.

| | |
|---|---|
| *Aqra:* *Lq 1, 26-38* | *"Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju." (Mk 1, 15)* Bit-twelid ta' Ġesu' deher ċar li ż-żmien tal-bini tas-Saltna ta' Alla wasal. L-Anġlu Ġabrijel qal lil Marija li dak li se tnissel fil-ġuf tagħha se jkun il-kbir li jieħu t-tron ta' David u jsaltan għal dejjem.<br>Din is-Saltna hi Saltna ta' qaddisin li jkunu jixbhu lil Alla l-qaddis. Il-qdusija hi sejħa li l-Mulej għamlilna sa mill-bidu tal-eżistenza tagħna; meta ħalaqna fuq ix-xbieha tiegħu. Jekk Alla hu mħabba, mela l-qdusija titlob li ngħixu fl-imħabba vera. Is-Saltna ta' Alla hi Saltna ta' mħabba.<br>F'dan il-Milied il-Mulej qed iżurna u jidher quddiemna b'diversi modi, l-iżjed f'perusni oħra li aħna mitluba li nħobbu bħalna nfusna.<br>Illum ftakar li kull persuna li tkun quddiemek hi denja ta' mħabbtek. |